Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru 1311/2011

Il-Pulizija
(Spettur Bernard C Spiteri)

vs

Renald Cesare

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 522274M akkuzat talli nhar it 18 t’ Ottubru 2011, ghall-habta ta’ 5.45 ta’ wara nofsinhar gewwa residenza li jgib in-numru 19 u li tinsab fi Triq Sant Antnin, Birkirkara u jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-

sahha, u cioè offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jacqueline Zammit;

2. ikkaguna biza lil Jacqueline Zammit li ser tintuza vjolenza kontrija jew il-kontra l-propjeta taghha.

Il-Qorti mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabillita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Jacqueline Zammit u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus iffista mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi.

Fuq l-iskorta tax-xhieda tal-kwerelanta mhux kontestata ssib l-imputat hati, b'dan però li l-ferita ma tirikwdrax taht ebda dispost tal-Artikolu 216 u wisq anqas tal-Artikolu 218 tal-Kap 9.

Issibu ghalhekk hati ta' ferita hafifa.

Rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------